**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Carmelo Mangion**

**Kump. Nr. 854/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Carmelo Mangion,** detentur tal-karta tal-Identita' numru **110160M;**

1. Billi int akkuzat talli f'Awwissu 2009, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita` tieghek personali kif ukoll bhala Direttur tas-Socjeta` C&M Contractors Limited, b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u siegha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Reuben Cutajar detentur tal-karta tal-Identita numru 568882M u ta' Nicolette Aquilina detentrici tal-karta tal-

Identita’ numru 573782M, ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib miehu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Reuben Cutajar detentur tal-karta tal-Identita’ numru 568882M u ta’ Nicolette Aquilina detentrici tal-karta tal-Identita’ numru 573782M, ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Aktar talli sirt recediv b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tigi mibdula, ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tal-16 ta’ Novembru, 2015 (ara folio 265 tal-process), u l-kunsens ta` l-imputat sabiex dan il-kaz jissokkta u jigi deciz bil-procedura sommarja (ara folio 266);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-dikjarazzjoni finali tal-partijiet fejn kienu lkoll qed jistriehu fuq il-provi migjuba;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-qosor, dak li rrizulta f’dan il-kaz kien is-segwenti.

**Illi xehed Dr Quentin Tanti fid-19 ta' Mejju 2014 a fol. 24** ghan-nom ta' Malta Financial Services Authority u r-Registrar of Companies fejnipprezenta l-

Memorandum and Articles tas-socjetajiet C&M Contractors Limited C30803 (Dok. QT1) u K&M Contractors Limited C39982 (Dok. QT). Id-diretturi ta' K&M Contractors Limited kienu Kenneth Mangion u Matthew Mangion, waqt illi C&M Contractors Limited kellha bhala direttur lis-sur Charles Mangion (110160M) biss.

**Xehed Reuben Cutajar fid-19 ta' Mejju 2014 a fol. 69** fejn dan stqarr illi huwa flimkien ma martu Nicolette Aquilina Cutajar kienu ghamlu *promise of sale* mas-sur Carmelo Mangion f'Mejju 2009 sabiex jixtru appartament gewwa Hal-Balzan, u filfatt, tlett xhur wara, fl-ahhar ta' Awwissu 2009, kienu ffirmaw il-kuntratt. Ix-xhud spjega li wara li ghamlu il-kuntratt, ix-xoghol waqaf; effettivament, fuq il-kumpless, ftit li xejn sar xoghol wara. Spjega wkoll li skond il-kuntratt finali, ix-xoghol kellu jitlesta bil-partijiet komuni sa Frar ta' 2010 pero sad-data tax-xhieda, ix-xoghol kien ghadu u baqa ma tlestiex. L-appartament huwa *semi finished*, jigifieri minghajr bibien esterni, minghajr komunikazzjoni tal-ilma u tad-dawl, bla sistema tad-drenagg u ghalhekk mhux abitabbli. Ix-xhud u martu kienu hallsu hamsa u hamsin elf (55,000) Maltin. Spjega wkoll illi hu ghamel kuntatt mal-imputat diversi drabi u l-imputat baqa jishaqq li ser ikompli ix-xoghol pero dan qatt ma sar. Kien hemm ukoll f'xi zmien ftehim li s-sur Mangion ihallas pagament tal-kera li kellhom ihallsu l-vittma u martu ta' tlett xhur pero spjega li c-cheque li inghata ma ssarrafx mill-bank u effettivament ibbawnsja; dan kien cheque ta' seba mitt (700) euro (Dok. RC). Il-kuntratt gie ezebit bhala Dok. RC1. Ix-xhud insista li l-fatt li x-xogholijiet fil-komun kellhom jitlestew entro termini stipulati, huwa specifikat fil-kuntratt. Dan kien l-ilment principali tal-konjugi Cutajar.

**Xehed L-ispettur Maurice Curmi fil-11 ta' Gunju 2014 a fol. 96** fejn spjega li huwa kien ircieva kwerela datata tmienja (8) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) minn Dr. Toni Abela f'isem Reuben Cutajar u Nicolette Aquilina. Spjega li tal-ahhar kienu xtraw appartament gewwa Triq Birbal, Balzan minghand is-socjeta' C&M Contractors Limited li taghha l-imputat huwa wiehed mid-diretturi u li skond il-kuntratt li kien sar, ix-xogholijiet kellhom jitlestew sa Frar 2010. L-ispettur baghat ghal Reuben Cutajar li kkonferma l-kwerela u kkonferma wkoll li kellu jidhol f'xi spejjez ta' kiri u fuq ftehim kien ircieva cheque ta' rimbors minghand l-imputat li ma ssarrafx. L-ispettur baghat ghall-imputat li rrifjuta d-dritt tal-avukat u rrilaxxja stqarrija li giet immarkata Dok. MC1. L-imputat kien qal li kellu xi problemi finanzjarji li suppost kellu xi negozjati mal-APS Bank sabiex ikun jista jerga jiffinanzja diversi progetti li kellu li kienu ghadhom ma inghalqux.

Mill-indagini aktar profondi illi saru mal-APS, skopra li l-imputat, fil-kapacita' tieghu bhala direttur ta' C&M Contractors Limited, kellu zewg *current accounts* mal-bank APS Bank Limited u li f'wiehed minnhom kien ecceda bil-kbir l-ammont ta' debitu stabbilit, tant li l-bank kellu jintervjeni. Irrizulta di piu li l-imputat, wara l-problemi li kellu, baqa johrog ic-cekkijiet mill-kont bankarju tal-APS minkejja li kienu qed jigu kollha lura *refer to drawer* u ma ssarfux. Irrizulta li in vista tal-pagament li kellu jircievi l-imputat minghand Reuben Cutajar u Nicolette Aquilina, kienet inhargitlu il-*Waiver* mil-bank minkejja li sahaq li kellu l-problemi mal-bank u fl-istqarrija qal li mhux qed johorgulu l-waiver.

**Xehdet Audrey Ghigo fit-23 ta' Lulju 2014 a fol. 111** ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank HSBC fejn din ezebiet il-kontijiet bankarji li kellha s-socjeta` K&M Contractors Limited ma HSBC Bank Malta p.l.c. Ix-xhud ezebiet faxxikolu ta' dokumenti (Dok. AG) indikattivi tal-current account li kellha l-istess socjeta' li infetah fis-7/11/2006. Dan il-kont kien ghadu miftuh sat-8/07/2014 id-data ta' meta effettivament saret ir-ricerka. Ezebiet ukoll kopji ta' zewg *loan accounts* immarkati Dok. AG1 u AG2. Ix-xhud giet murija wkoll ic-cheque in ezami u kkonfermat li dan gie depozitat fl-4/2/2011 u rega nbaghat lura fis-7/2/2011.

**Xehed Charles Massa fit-23 ta' Lulju 2014 a fol. 185** ghan-nom tal-APS Bank fejn ipprezenta l-ahhar *audited accounts* tal-kumpanija C&M Contractors Limited li kienu gew ipprezentati l-MFSA u dawn kienu l-accounts tas-sena 2008 li gew auditjati minn Johann Desira (Dok. CM a fol. 190). Gew ipprezentati wkoll rendikont bejn 2008 u 2014 tal-accounts li kellha l-kumpanija mal-bank APS a fol.197. Skond ix-xhud, l-operazzjoni tal-kumpanija kienet wahda fejn tixtri propjetajiet, tizvilupphom u tbieghhom. Skond ix-xhud, il-problema tal-kumpanija kienet fuq il-bejgh tal-propjetajiet fejn dahlet f'numru ta' debiti u esponiet ruhha ghal riskji peress li hafna mill-kredituri rregistraw ipoteki u privileggi fuq il-propjetajiet. Il-problema kienet ilha vizibbli minn 2009 u l-problema propju waqqfet lill-kumpanija milli topera u effettivament tbiegh. Ix-xhud jghid li kien ilu jiehu hsieb is-sitwazzjoni tal-kumpanija xi sentejn u nofs u sostna li meta bdew il-problemi mal-kredituri, il-bank kien waqqaf il-waivers.

Ix-xhud sostna li l-waiver inghata fuq il-kuntratt li sar bejn is-socjeta C&M Contractors Limited u l-complainants, propju peress li dakinhar ma kienx hemm problemi u l-proceeds marru ghand il-bank u ghalhekk il-bank kien thallas. Ix-xhud ikkonferma li l-blokka appartamenti llum il-gurnata inbieghet lill-terzi u ix-xoghol ghaddej sabiex jigi finished; suppost kellu jkun lest fi stat abitabbli sa Marzu ta' 2015.

Meta rega xehed, ghax kien riprodott fil-5 ta' Settembru 2014 a fol. 211, ix-xhud sostna li l-accounts, minn 2009 il-quddiem ma kienux disponibbli u dan minhabba li qatt ma gew ipprezentati fuq is-sit ta' l-MFSA. Dan x'aktarx kien in vista tal-problemi finanzjarji li rrizutlaw u ghalhekk x'aktarx l-audited accounts qatt ma saru.

Minn naha tieghu ix-xhud ikkonferma li llum il-gurnata il-blokka inbieghet lis-socjeta` GP Properties Ltd li xtrat il-units li kienu ghadhom vojta fil-progett u kienet qed taghmel ix-xogholijiet necessarji fil-finishing tal-partijiet komuni tal-istess progett. Sostna li minn naha taghhom, il-complainants kienu effetivament ser jibbenfikaw b'dan it-trasferiment minhabba li l-partijiet komuni kienu qed jitlestew u jingiebu fi stat abitabbli.

**Xehdet Dr. Nives Grixti fil-5 ta' Settembru 2014 a fol. 202** ghan-nom ta' APS Bank Ltd fejn ikkonfermat li hija kienet dehret quddiem in-nutar Malcolm Mangion fid-data tal-kuntratt sabiex taghmel riduzzjoni ta' drittijiet ipotekarji favur il-bank APS Bank Ltd liema drittijiet ipotekarji huma numerati 11745/06 u 11746/06. Ir-riduzzjoni saret vis-a-vis flat numru 6, Block D, First Floor Level, u garage 25 basement level li kienu jiffurmaw parti mill-progett. Spjegat illi wara intbaghatet ittra lill-kumpanija C&M Contractors Limited li tinfurmahom dwar il-waiver ta' l-ipoteka tal-Bank Drafts li ingabru mix-xhud li gew imnaqqsa mill-loan meta gew iddepozitati.

In ri-ezami fil-21 ta' Ottubru 2014 ix-xhud ikkonfermat li mir-ricerki li saru, il-kumpanija C&M Contractors Limited kienet involuta fi tlieta u erbghin kuntratt ta' bejgh fil-perjodu ta' bejn is-snin 2006 u 2014.

**Xehed in-nutar Malcolm Mangion fil-5 ta' Settembru 2014 a fol. 206** fejn ikkonferma minn naha tieghu l-awtenticita' tal-kuntratt ipprezentat a fol. 79 tal-process. In kontro-ezami sostna li f"Awwissu 2009 ma kienx hemm registrati garanziji bhal ipoteki specjali jew privileggi specjali u kieku kien hemm kien jezigi li jigu

kkancellati jew inkella ridotti mal-kuntratt. Ikkonferma li fiz-zmien li sar il-kuntratt fil-2009, ma kienx hemm problemi attwali. Filfatt, qabel ma kien gie ppublikat il-kuntratt, ma kienx hemm mandati jew privileggi; dawn zviluppaw wara. Sostna li l-problemi setghu zviluppaw qabel, pero mir-ricerki ufficjali ma kien hemm xejn.

**Xehdet Charlene Magri fit-2 ta' Dicembru 2014 a fol. 240** tal-process, ghan-nom u in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc, fejn stqarret illi fis-27 ta' Awwissu 2009, kien sar kuntratt fejn il-bank kien sellef lis-sinjuri Reuben Cutajar u Nicolette Aquilina self ta' mija u hmistax il-elf mitejn tmienja u sebghin euro (115,278) liema somma, in parti, ntuzat bhala parti mill-prezz tax-xiri tal-propjeta mibjugha. Fuq l-imsemmija kuntratt kienu hargu l-ammont ta' tlieta u sebghin elf tliet mija u hamsin euro (73,350) lill-kreditur tal-venditur l-APS Bank u l-kumplament, li c-cekk kien ta' wiehed u erbghin elf, u disgha mija u tmienja u ghoxrin euro  (41,928) inhareg lil C&M Contractors Limited.

**Xehdet Nicolette Aquilina fit-28 ta' Ottubru 2015 a fol. 260** fejn spjegat li hija kienet iltaqghet mal-imputat darba barra ix-xoghol taghha u kien semmielha li ghandu xi post ghall-bejgh mhux gholi u wara li rawh, ghogobhom, ghamlu konvenju u ftit wara ghamlu il-kuntratt finali fejn xtraw il-post fl-2009 u kien hemm stipulat fil-kuntratt li kellu jitlesta sa' Novembru 2009. Fis-sena 2011, meta hija u Reuben Cutajar zzewgu, kienu ppjanati li ser imorru joqghodu fih, izda ddecidew li jikru post iehor, u ftit wara ddecidew li jixtru t-tieni post biex ma jibqghux jikru u ghalhekk spiccaw b'zewg *home loans*. Sostniet li sad-data tax-xhieda taghha, il-post kien ghadu mhux *finished* u ghalhekk mhux abitabbli, tant li ma kienx hemm connections tad-dawl u tal-ilma.

In kontro-ezami pero kkonfermat li x-xogholijiet kienu regghu bdew ricentement u kien qieghed jitlesta il-komun. Ikkonfermat li gie nstallat lift u li x-xogholijiet kwazi lesti. Spjegat ukoll li qatt ma infethu proceduri civili u sempliciment darba kienet intbaghatet ittra minghand avukat pero` fuq binarju civili ma pprocedewx. Ikkonfermat li qatt ma nnega li kellu jaghmel ix-xogholijiet pero dejjem bl-iskuzi u qatt ma taghhom raguni gustifikabbli ghalihom ghad-dewmien.

**Xehed ukoll l-imputat Carmelo Mangion minn jeddu fil-11 ta' Ottubru 2017 a fol. 274** fejn spjega li huwa kellu arrangament ma kumpanija Paven Limited bid-direttur Kevin Fenech biex jiffinixxjaw il-blokka ta' Triq Birbal, Hal Balzan kif ukoll xi progetti li

kellu pendenti. Minn hemm kien iltaqa mal-parte civile u wara li tkellmu ftehemu li jbieghilhom appartament u garaxx u l-flus huwa sostna li taghhom kollha lill-bank biex jiwwejvjaw il-privilegg. Sostna li wara li sar il-kuntratt mal-parte civile, Paven beda jittardja hafna fix-xogholijiet ghalkemm kellu l-multi fil-kuntratti. Sostna li wara ftit, Paven Limited ghamillu privilegg ta' tlett miljuni. Id-disgwid sostna li beda minhabba li Paven ma kienux qed ilahhqu max-xogholijiet. Spjega li Paven Limited ma kellhomx flus biex jiffinixxjaw il-progetti. Spjega li dan zvolga li spicca kellu proceduri il-qorti ma Paven li sad-data tal-istqarrija kienu ghadhom pendenti. Il-kuntratt, mertu tal-kawza odjerna, sar xi tlett xhur qabel ma beda d-disgwid ma Paven Limited li kellhom jghamlu x-xogholijiet ta' finishings. Spjega li minhabba dan id-disgwid kien stagna x-xoghol. L-imputat spjega li Paven Limited ma hallewhx ibiegh flattijiet individwali sabiex jiffinanzja il-bqija tal-progett u jqabbad lil terzi persuni.

L-imputat kompla jispjega li wara d-disgwid li kellu ma Paven Limited u l-privilegg ta' tlett miljuni, kien sar xi ftehim bejn l-HSBC u Paven Limited minghajr ma kien infurmat, fejn HSBC hallsu lill-Paven il-valur ta' erba mija u tmenin elf, mit-tlett miljuni u sostna li wara dan il-bank kien qallu li jista jerga jibda jaghmel il-kuntratti mal-HSBC. Spjega pero li l-blokka tal-appartamenti kienet fuq loan li kellu mal-APS. Spjega li wara li inhallu l-assi, huwa rega beda jopera u jaghmel ix-xogholijiet ta' finishing fil-progetti li kellu u kien propju f'dan il-punt, madwar tlett snin qabel x-xhieda, li biegh lill-kumpanija ohra biex jiffinixxjaw kollox.

L-imputat kompla jispjega li d-direttur tal-kumpanija li xtrat il-blokka kien certu George Portelli u minn mindu xtraha hu, kien ghamel sena u xaharejn xoghol u ffinixxja l-blokka. Spjega li wara dan, kienu gew konkluzi il-konvenji kollha, kien tlesta ix-xoghol u l-bicca kienet intemmet hemm. Sostna li d-disgwid mal-parte civile kien fuq il-finishings tal-layout pero qal li dawk ix-xogholijiet saru xi sentejn qabel ma ttiehditlu x-xhieda. Spjega li hu minn dejjem kellu l-intenzjoni li jaghmel ix-xogholijiet ghajr il-problemi li zviluppawlu u qatt ma cahad li x-xogholijiet kellhom isiru tant li kien ikellimhom regolari. Spjega li llum il-gurnata dan l-appartament kien gie mibjugh.

Fir-rigward tac-cheque ta' seba mitt euro li kien ta lill-parte civile, hu spjega li kienu marru l-ufficju tieghu bid-disgwid u ftehem li kien ser itihom dawk il-flus bhala kumpens minhabba l-problema. Wara li c-cheque bbawnsja, huma kienu kellmuh u sostna li taghhom tlett mitt euro waqt li r-restanti erba mija kien ser itihomlom meta

jirritornaw ic-cheque, pero kienu lahqu infethu il-proceduri il-qorti u qatt ma spicca taghhom l-erba mija. Ix-xhud ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija li kien irrilaxxja u li kienet esebita in atti.

Dan hu principalment dak li rrizulta f'dan il-process.

**Ikkunsidrat**;

Illi naturalment, wara ezami akkurat tar-rizultanzi processwali, l-Qorti issa trid tara jekk dawn ir-rizultanzi effettivament igibux lill-imputat passabbli ghar-reati addebitati.

Bhala fatt jista jinghad li dan kien kaz semplici. Sar kuntratt bejn l-imputat in rapprezentanza ta` socjeta` kummercjali u l-koppja msemmija, ghall-bejgh u l-akkwist ta` appartament semi-finished. Il-prezz thallas fl-intier tieghu fuq il-kuntratt u l-bejjiegh kien ghad ghandu l-obbligu li jaghmel xogholijiet ohra, entro termini specifikati, biex finalment igib l-appartament u l-komun fi stat abitabbli. Gara illi, minhabba cirkostanzi varji li nholqu fosthom diffikultajiet u problemi finanzjarji li fihom kienet direttament involuta s-socjeta` rapprezentata mill-imputat, l-istess imputat naqas li jottempora ruhu ma l-obbligi minnu assunti fil-kuntratt de quo. Dan gab hardships lill-koppja xerrejja.

Meqjusa r-rizultanzi processwali, fil-kuntest tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-kodici kriminali (il-frodi, il-qliegh b'qerq) u l-Artikoli 293 u 294 (approppriajazzjoni indebita), din il-Qorti serenament tikkonkludi illi :

A. Dwar ir-reat ta` frodi (qliegh b'qerq), ma rrizultat ebda prova fattwali li b'xi mod tikkostitwixxi l-element ta` l-ingann da parti ta` l-imputat;
B. Dwar ir-reat ta` approprijazzjoni indebita, ma rrizultat ebda prova ta` l-element intenzjonali rikjest sabiex propju javvera ruhu dan ir-reat. Il-kwistjonijiet ta` natura civili bejn l-imputat u l-appaltatur (Paven), li nqalghu wara li sar il-kuntratt de quo, fejn l-appaltatur abbanduna x-xoghol fuq il-progett u acceda ghall-proceduri civili fil-Qrati, gabu certament fix-xejn kwalunkwe allegazzjoni li seta ezista l-element intenzjonali da part ta` l-imputat fil-komportament tieghu fil-konfront tal-koppja de quo.

C. Illi dan il-kaz kien effettivament kaz klassiku fejn ir-relazzjoni ta` bejn l-imputat u l-parte civile, bdiet u baqghet wahda esklussivament ta` natura civili, u r-rimedju ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjonijiet varji li nqalghu bejn il-kontendenti kellhom biss u esklussivament jigu indirizzati fil-Qrati Civili u mhux fil-Qrati ta` Gurisdizzjoni Kriminali.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL CARMELO MANGION MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur